# KAPITOLU 23

## ORDINANZA DWAR IT-TIFSIR TA’ PIENI

*Biex tag]mel disposizzjonijiet dwar it-tifsir ta’ xi pieni.*

(4 ta’ Awissu, 1888)*

*Saret li[i bl-Ordinanza XVII ta’ l-1888 u [iet emendata bl-Att XLIX ta’ l-1981.*

Titolu fil-qosor.

**1.** Din l-Ordinanza tista’ tissejjaħ l-Ordinanza dwar it-Tifsir ta’ Pieni.

Tifsir dwar xi pieni. *Emendat: XLIX. 1981.4.* Kap. 9.

**2.** Kull liġi li hawn issa jew li għad issir ’il quddiem, u illi tagħti l-piena tal-mewt, tal-priġunerija, tar-reklużjoni, tal-multa, ta’ l-ammenda, tad-detenzjoni, jew taċ-ċanfira, titqies bħala li tagħti l-piena korrispondenti li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-effetti u konsegwenzi kollha ta’ din il-piena, bl-istess mod daqslikieku d-disposizzjonijiet ta’ dik il-liġi kienu jagħmlu parti minn dak il-Kodiċi, iżda fil-limiti stabbiliti f’dik l-istess liġi.

Pieni stabbiliti għall-kontravvenzjo-nijiet. Kap. 9.

**3.** Kull liġi li tagħti bi kliem ġenerali, il-pieni li hemm għall-kontravvenzjonijiet, titqies bħala li tagħti l-pieni kollha illi, skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 341 u 344 tal-Kodiċi Kriminali, jistgħu, separatament jew kumulattivament jiġu applikati għall-kontravvenzjonijiet ikkontemplati f’dak il-Kodiċi.

Skala ta’ pieni. Kap. 9.

**4.** Kull liġi li tikkontempla t-tlugħ jew l-inżul minn piena għal oħra titqies bħala li tirriferixxi għall-iskala tal-pieni u għad-disposizzjonijiet l-oħra ta’ l-artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali.

Disposizzjonijiet oħra li jgħoddu. Kap. 9.

**5.** Kull disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali tgħodd fil-każ ta’ reat ikkontemplat f’liġi speċjali, ħlief meta dik id-disposizzjoni ma tkunx kompatibbli mad-disposizzjonijiet ta’ dik il-liġi.

---

**Ara* Proklama Nru. XII ta’ l-4 ta’ Awissu, 1888.